REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 437/2013

tat-8 ta' Mejju 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-entrata għall-Messiku fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti komoditajiet lejn l-Unjoni jew jgħaddu fi tranżitu minnha

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman [1], u b'mod partikolari l-fraži introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8 u l-punt 4 tal-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja [2], jipprevedi li l-komoditajiet koperti b'dak ir-Regolament jistgħu biss jiġu importati fl-Unjoni jew jgħaddu fi tranżitu minnha mill-pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti elenkati fil-kolonni 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet għal pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment li għandhom jitqiesu bħala ħielsa mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) u r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja f'dak ir-rigward għall-komoditajiet maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni.

(3) Il-Messiku huwa elenkat fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż terz li minnu jistgħu jiġu importati fl-Unjoni bajd u prodotti tal-bajd speċifikati ħielsa mill-patoġeni, sakemm dawn ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat rilevanti msemmi fil-kolonna 4 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

(4) Fil-każ ta' prodotti tal-bajd, iċ-ċertifikat imsemmi fil-kolonna 4 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jinkludi attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali li turi li dawn ġejjin minn stabbiliment ħieles mill-HPAI. Barra minn hekk, dik l-attestazzjoni tiċċertifika jew li ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-HPAI matul tal-anqas it-30 jum ta' qabel f'raġġ ta' 10 km minn dak l-istabbiliment jew li l-prodotti tal-bajd kienu pproċessati skont wieħed mit-trattamenti stabbiliti f'dak iċ-ċertifikat.

(5) Fl-2012 bosta tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H7N3 ġew ikkonfermati fl-Istat ta' Jalisco fil-Messiku, f'żona b'densità għolja ta' rziezet fejn jitrabbew it-tjur. Il-Messiku applika politika ta' qerda u wettaq tilqim ta' emerġenza kontra l-influwenza tat-tjur biex jikkontrolla t-tifqigħat.

(6) Fl-aħħar ta' Settembru 2012 ġiet ikkonfermata l-aħħar tifqigħa tal-HPAI ta' dik l-epidemija u f'Diċembru 2012 il-Messiku ddikjara li t-tifqigħat ġew eradikati.

(7) Fit-8 ta' Jannar 2013, il-Messiku nnotifika lill-Kummissjoni b'żewġ tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H7N3 fit-tjur fit-territorju tiegħu fl-Istat ta' Aguascalientes. Il-marda nfirxet ukoll lejn l-Istati ta' Jalisco u Guanajuato.

(8) Minħabba l-konferma tat-tifqigħat tal-HPAI, it-territorju tal-Messiku ma jistax jibqa' jitqies bħala pajjiż ħieles minn dik il-marda.

(9) Ir-rikorrenza tat-tifqigħat tal-HPAI tqajjem tħassib dwar l-effettività tal-miżuri, inkluż it-tilqim, li huma applikati fil-Messiku biex jikkontrollaw l-HPAI.

(10) L-importazzjonijiet ta' prodotti tal-bajd ipproċessati skont wieħed mit-trattamenti stabbiliti fiċ-ċertifikat rilevanti msemmi fil-kolonna 4 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li joriġinaw f'pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li mhumiex ħielsa mill-HPAI, jitqiesu li jippreżentaw riskju negliġibbli għall-introduzzjoni tal-vajrus fl-Unjoni.

(11) Madankollu, minħabba l-firxa rapida tal-marda tal-HPAI u r-riskju li t-tifqigħat tal-HPAI ma jiġux individwati fil-ħin mill-awtorità kompetenti Messikana, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni jew it-tranżitu minnha ta' prodotti tal-bajd mill-Messiku għandhom jiġu pprojbiti temporanjament sakemm ikunu jistgħu jiġu pprovduti garanziji sodisfaċenti minn dak il-pajjiż.

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
[2] ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-entrata għall-Messiku qed tinbidel b'dan li ġej:

"MX-Il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP		P2	Is-17 ta' Mejju 2013"				